Dak il-lejl Thelma ma għalqetx għajn ma' għajn, il-kefen tad-dlam kattrilha s-swied il-qalb li kien jaħkimha, iżda anqas sbieħ il-jum ma ġebilha l-faraġ; hija baqgħet imbikkma u mbikkija, ma kellha ħajra ta' xejn u ma riedet tara lil ħadd; għajnejha dejjem ħomor u jdemmgħu, tinħasad malli jersaq xi ħadd ħdejha; u tieħu qatgħa kull meta ċċempel il-qanpiena tal-bieb ta' barra donnha kienet tistenna xi aħbar ħażina.

* * *

L-aħbar ħażina waslet wara jumejn ma' tifel b'telegramm għall-Kurunell, dan fetaħ il-karta b'taqtigħ il-qalb kbir u sab l-aħbar tal-mewt ta' Derek, il-bdot tal-ajru.

Wara ftit taż-żmien waslu aħbarijiet oħra fuq kif inqered il-maħbub ta' Thelma: fit-tmienja ta' Settembru, jum il-Vittorja, fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, waqt titjira ta' tkixxif fuq il-għadu, Derek sab ruħu bejn erba' ajruplani egħdewwa u ħabat għalihom b'ħila li ma bħalha u waqqa' wieħed minnhom, iżda t-tlieta l-oħra dawruh u darbuh bin-nar tagħhom. Midrub kif kien, Derek seħħlu jeħles mill-għadu, itir lura mnejn ġie u jniżżel l-ajruplan tiegħu bla mittiefes, u fuq kollox hu kien ħa miegħu tagħrif ta' siwi kbir fuq il-qagħda tal-għadu. Il-kapijiet tagħna minnufih inqdew b'dak it-tagħrif, ħabtu għall-għadu, ħarbtuh u għamlu vittorja kbira. Imma Derek kien midrub għal mewt u ma kellux ix-xorti jistgħall il-vittorja li ntrebħet b'ħiltu.

Sħab Derek żebgħu l-ittra V fuq l-ajruplan tiegħu u qiegħdu V tal-ward fuq qabru. Kulħadd, sa l-ogħla kapijiet, faħħar 'il Derek għal qlubitu; bosta nies tkellmu fuq ħiltu u ħafna gazzetti kitbu fuq il-ħidma siewja tiegħu, iżda ħadd ħlief Thelma ma kien jaf li dak il-pilot qalbieni u s-sigra taż-żebbuġ li taħtha kien ta kelmtu, inqerdu f'ħin wieħed; madankollu kelmtu kienet seħħet. "Sakemm din is-sigra tibqa' wieqfa hekk qalbi tibqa' tħabbat biss għalik!" kien wiegħed Derek lil Thelma u dik il-wegħda twettqet.

Ġużè Galea

# GĦANJA TAL-MILIED

Inżilt minn fuq il-kwiekeb,
Sultan fl-ogħla smewwiet,
Waqaft f'nofs artna mgħabbra
B'kull għamla ta' ħtijiet,
Ġo għar mudlam u kiesaħ
Bdejt triq it-tbatijiet.

Għalfejn twelidt, kbir Alla,
Bħal bniedem mal-bnedmin?
Mhux għax il-koll kemm aħna
Tjassarna midinbin?
B'miġjitek ridt teħlisna
Ħa nsiru rwieħ henjin.

Ġesu, bil-faqar tiegħek,
Li dawrek ġewwa l-għar,
Bl-irżiħ mifrux fuq ġismek
Iċ-ċkejken bħala star,
Bil-kejn li wrejt f'maxtura
Għollejt għal ruħna dar (1).

Ħisaw tas-sema Anġli,
Ejjew ma' dwar Ġesù
Tarbija żgħira, mwieled
Ġo rokna li ried hu,
Xandruh, faħħruh, għannulu:
Is-sliem għalik, Ġesù.

Sebħien u ġieħ minn fommna
Itiru lejk, Mulej,
Bil-qalb ferħana nemmnu
Li tagħna int Feddej:
Bl-imħabba lejk iġbidna,
X'ħin mn-artna int għaddej.

P. Alb. M. Grech O.P.

(1) Il-ħsieb ta' din hu: Kristu f'Betlem bil-faqar, bl-irżiħ, u bil-kejn bħal bena dar spiritwali, fejn ir-ruħ bl-imitazzjoni Tiegħu tegħleb it-tliet ħsarat li d-dnub ħalla fil-bniedem, li huma, ir-regħba, il-pjaċiri u l-kburija.